MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2015

Numru 1012/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Stephen Zammit**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Stephen Zammit ta' 39 sena, bin Herman u Connie nee' Degiorgio, imwieled Pieta'

fit-28 t' April, 1975, residenti gewwa l-fond 'Chardan' Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 315975M akkuzat talli:

F' xi hin bejn is-07:00 u d-09:00 ta' filghodu nhar l-01 ta' Frar tas-sena 2013, ikkommetta serq ta' diversi oggetti min gewwa fond numru 8, Triq Oleandru, San Giljan ghad-dannu ta' Lolito Torregoza u jew ta' persuna/i ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-valur li ma jeccedix s-somma ta' elfejn, tlett mija u disa w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin Centezmu (€2329.37c); Art. 261(b)(c)(e),264(1),267,269(g)279(a) tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli f' xi hin nhar id-9 ta' Novembru 2006 fi Triq il-Madonna tal-Gebla, Sliema, bil-hsieb li tikkommetti delitt ta' serq ghad-dannu ta' Loraine Galea u/ jew persuna/i ohra, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi acceda gewwa vettura ta' ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni ONE-106 liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien jikkwalifika, bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa; Art. 41(1)(a), 261(b)(c)(g), 264(1), 267, 271(g), 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, b` mezzi xort` ohra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ hsara ta` serratura u ta’ bieba tal-vettura msemmija bin-numru ta` registrazzjoni ONE-106, liema hsara ma teccediex l-ammont ta’ mija u sittax -il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) ghad-detriment ta` Loraine Galea u dan bi ksur tal-Art. 325(1),(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli f’ xi hin bejn is-09:00 u d-21:00 ta’ filghaxija nhar il-5 ta Settembru 2014, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti min gewwa fond numru 42, Villina Camelia, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija ghad-dannu ta’ Ronald Zammit u jew ta’ persuna/i ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-persuna, bil-lok, bil-valur li ma jeccedix s-somma ta’ elfejn, tlett mija u disa w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin Centezmu (€2329.37c); Art. 261(b)(c)(d)(e), 264(1), 267, 268(b), 269(g) 279(a) tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma’ Stephen Zammit bhala recidiv ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta’ Artikolu 49, 50 u 289 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Frar, 2015

(esebit a fol. 42 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-6 ta’ Marzu, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li huwa recidiv.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261(b)(c)(d)(e)(g), 264(1), 267, 269(g), 279(a), 41(1)(a), 271(g), 325(1)(c), 268(b), 49, 50, 289 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah ghoxrin (20) xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------